**A.L. 4 ta' l-2002**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
## (KAP. 318)

### Ordni ta' l-2002 dwar Żieda fir-Rati ta' Benefiċċji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Viċi Prim Ministru u Ministru għal Politika Soċjali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2002 dwar Żieda fir-Rati ta' Benefiċċji.

(2) Dan l-Ordni għandu jitqies li beda jseħħ:-

(a) fil-każ ta' l-Għaxar Skeda b'seħħ mis-7 ta' Jannar, 2002; u

(b) fil-każ tat-Tieni, Tielet, Sitt, Tmien, Disa', Tnax u Erbatax-il Skeda b'seħħ mill-5 ta' Jannar, 2002.

Jissostitwixxi Skedi li jinsabu ma' l-Att.

**2.** Minflok it-Tieni, t-Tielet, is-Sitt, it-Tmien, id-Disa', l-Għaxar, it-Tnax u l-Erbatax-il Skeda li jinsabu ma' l-Att, għandhom jidħlu dawn it-Tieni, t-Tielet, is-Sitt, it-Tmien, id-Disa', l-Għaxar, it-Tnax u l-Erbatax-il Skeda li ġejjin rispettivament:–

**"IT-TIENI SKEDA**
**(Artikoli 12, 20, 23, 27, 30, 66, 68, 73 u 76)**

Kalkoli tal-mezzi għall-finijiet ta' eżenzjoni mill-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi u għall-għoti ta' Għajnuna Soċjali, Għajnuna għal Mard, Għajnuna Medika bla Ħlas, Pensjoni ta' l-Età, Pensjoni għal Disabilità, Pensjoni għal Persuna b'Vista Batuta, Pensjoni għall-Wens, *Allowance* tat-Tfal, *Allowance* Supplimentari u *Allowance* għal tifel b'Disabilità.

**TAQSIMA I**

**Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi**

**1.** Fil-kalkoli tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 12, għandu jitqies–

(a) il-valur ta' kull proprjetà (minbarra d-dar tar-residenza) ta' dik il-persuna li tkun, jew tista' tkun, investita jew tintuża bi qligħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali:

Iżda, meta l-flus fil-Bank u fl-idejn (inklużi xi assi likwidi, depożiti għal xi żmien, *bonds, stocks,* azzjonijiet jew *securities* oħra) u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana (b'esklużjoni tad-dar tar-residenza) li ma tkunx qed tintuża bi qligħ, ikunu flimkien jaqbżu Lm4,000 fil-każ ta' persuna waħedha jew ta' armel jew armla, jew Lm7,000 fil-każ ta' persuna miżżewġa, il-persuna li tkun qed titlob eżenzjoni mill-ħlas ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi għandha titqies li ma tkunx intitolata għal din l-eżenzjoni; u

(b) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, kull dħul jew privileġġ li huwa riċevut jew jista' jiġi riċevut minn, jew ikun ta' tgawdija għal, dik il-persuna.

**2.** Meta r-riżorsi kapitali totali msemmijin fil-paragrafu 1(a) ta' din it-Taqsima, ma jkunux jaqbżu l-limiti hemm imsemmijin–

(a) l-ewwel Lm250 minn dawn ir-riżorsi kapitali ma għandux jingħata każ tagħhom; u

(b) il-valur ta' kull proprjetà immobbli urbana msemmija fil-proviso li tinsab ma' l-imsemmi sub-paragrafu (a) għandu jitqies li jkun qiegħed jipproduċi dħul ta' kull sena ekwivalenti għal 5.5% tal-valur kapitali tiegħu.

**3.** Fil-kalkolu tad-dħul jew privileġġ li huwa, jew jista' jiġi, riċevut jew jitgawda mill-persuna li tkun qed titlob eżenzjoni mill- ħlas ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi, ma għandhomx jitqiesu–

(a) kull għajnuna, pensjoni, benefiċċju jew *allowance* li jitħallsu taħt dan l-Att;

(b) kull benefiċċju għal mard moghti minn soċjetà filantropika jew *trade union*;

(ċ) kull somma mħallsa minn fond tal-karità;

(d) kull pensjoni oħra li ma tkunx pensjoni li titħallas bis-saħħa ta' l-artikolu 16A ta' l-Att dwar it-Tarzna ta' Malta, li tkun qed titħallas mhux bis-saħħa ta' dan l- Att; u Kap 207

(e) l-ewwel Lm200 li jsiru bi qligh minn persuna li tagħmel ħdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xogħol tal- ganċ u rakkmu, ġewwa d-dar, u li l-manifattura ta' dak l-artiġġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku.

## TAQSIMA II

### Għajnuna għal Mard

**1.** Fil-kalkolu ta' mezzi għall-finijiet ta' l-artikoli 20, għandu jitqies–

(a) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, il-valur ta' kull proprjetà (minbarra d-dar tar-residenza) li tkun tal-membri kollha tal-familja li la jkunu persuni impjegati lanqas persuni li jimpjegaw lilhom infushom jew persuni li jaħdmu għalihom infushom skond dan l-Att li hija jew tista' tkun, investita jew użata bi qligh b'esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija jew oġġetti oħra persunali:

Iżda, meta l-flus fil-Bank u fl-idejn (inklużi assi likwidi, depożiti għal xi żmien, *bonds, stocks*, azzjonijiet u *securities* oħra) u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana (bl-esklużjoni tad-dar fejn wieħed joqgħod) li ma tkunx qed tintuża bi qligh, ikunu flimkien jaqbżu –

(i) Lm4,000 fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'membru wieħed biss jew f'numru ta' membri li l-kap tagħhom ikun persuna mhux miżżewġa jew ġenitur singlu; jew

(ii) Lm7,000 fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'għall-anqas il-kap tal-familja u martu;

il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna għal Mard ma għandhiex titqies li tkun intitolata għal dik l-għajnuna; u

(b) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 4 ta' din it-Taqsima, kull dħul jew privileġġ li huwa, jew jista' jiġi, riċevut jew ikun ta' tgawdija minn xi membru tal-familja li la jkun persuna impjegata lanqas persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha skond dan l-Att:

Iżda kull proprjetà jew dħul li għandhom ikunu kalkolati għall-finijiet ta' din it-Taqsima skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu għandhom jinkludu kull proprjetà jew dħul li xi membru tal-familja kif imsemmi qabel f'din it-Taqsima kien direttament jew indirettament ċaħħad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd għal Għajnuna għal Mard jew sabiex ikollu jedd għal rata aktar vantaġġuża:

Iżda wkoll, meta membru, li ma jkunx il-kap tal-familja u martu, jkun persuna impjegata jew persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha, jekk il-paga gross jew id-dħul gross tagħha, skond il-każ, ma jkunx iżjed minn 35% tal-Paga Minima Nazzjonali applikabbli għal persuni ta' l-età ta' tmintax-il sena jew iktar stabbilita b'Ordni ta' *Standard* Nazzjonali maħruġ taħt l-Att li Jirregola l- Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, matul il-perijodu li dwaru dik l-għajnuna tkun dovuta, dak il-membru ma għandux, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies bħala persuna impjegata jew persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha .

Kap. 135.

**2.** Meta r-riżorsi kapitali kollha li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1(a) ta' din it-Taqsima, ma jkunux jaqbżu il-limiti msemmija–

(a) l-ewwel Lm250 ta' dawn ir-riżorsi kapitali ma għandhomx jitqiesu; u

(b) il-valur ta' kull proprjetà immobbli urbana msemmija fil-proviso li tinsab ma' l-imsemmi sub-paragrafu (a) għandu jitqies li jkun qiegħed jipproduċi dħul fis-sena ekwivalenti għal 5.5% tal-valur kapitali tiegħu.

**3.** Meta xi membru, kif imsemmi qabel f'din it-Taqsima, tal-familja, minbarra l-kap tal-familja u l-mara tiegħu, ikollu fil-pussess

tiegħu xi proprjetà bħal dik imsemmija fil-paragrafu 1(a) ta' din it-Taqsima –

(a) il-valur kollu ta' xi dar tar-residenza li jkollu fil-futur jew parti minnha li tkun proprjetà ta' dan il-membru bil-ħsieb li jkun ser jiżżewweġ, ma għandux jitqies;

(b) nofs il-valur ta' xi proprjetà oħra bħal din ma għandux jitqies ħlief jekk din il-proprjetà ma tkunx ġiet trasferita jew mogħtija lilu mill-kap tal-familja jew mill-mara tiegħu fi żmien it-tnax-il xahar minnufih qabel ma ssir it-talba għall-Għajnuna għal Mard.

4. Fil-kalkolu tad-dħul jew privileġġ li huwa, jew jista' jiġi, riċevut jew jitgawda minn xi membru kif imsemmi qabel f'din it-Taqsima tal-familja, ma għandhomx jitqiesu –

(a) l-ewwel Lm40 li joħorġu mill-użu tal-proprjetà;

(b) xi Għajnuna Soċjali, Għajnuna dwar il-Lebbra, Għajnuna dwar it-Tuberkolożi, Għotja għal Ħalib u Għajnuna għal Mard li jitħallsu taħt dan l-Att u xi pensjoni jew pensjonijiet (sew jekk imħallsin taħt dan l-Att sew jekk le) sa ammont massimu totali ekwivalenti għall-għadd kollu ta' l-oġħla rata tal- Pensjoni Minima Nazzjonali, inkluża l-*allowance* addizzjonali li titħallas, skond l-istat ċivili ta' min ikun qed jagħmel it-talba kif imsemmi fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

(ċ) kull *Allowance* Supplimentari, *Allowance* tat-Tfal, *Allowance* għal Tifel b'Disabilità jew Benefiċċju tal-Maternità imħallas taħt dan l-Att; u

(d) 80.7% tad-dħul nett totali jew ta' xi privileġġ, benefiċċju jew *allowance* jew ta' xi pensjoni żejda li tkun qiegħda jew tista' tiġi riċevuta jew gawduta minn dak il-membru tal-familja, barra mill-kap tal-familja jew mill-mara tiegħu, u, għal dan il-għan, id-dħul nett totali, il-privileġġ, il-benefiċċju, l-*allowance* jew il-pensjoni żejda għandhom jitnaqqsu b'kull ħlas ta' taxxa fuq l-*income* li jsir mill-persuna involuta skond l- Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u l-espressjoni "pensjoni żejda" tfisser kull parti mill-pensjoni li tkun aktar mill-Pensjoni Minima Nazzjonali kif imsemmi fis-sub-paragrafu (b) ta' dan il-paragrafu; u Kap. 123.

(e) kull ammont imsemmi fil-paragrafu 3(b) u (ċ) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda;

(f) kull stipendju riċevut minn xi membru tal-familja, li ma jkunx il-kap tal-familja jew il-konjuġi ta' dak jew dik il-kap tal-familja fiż-żmien meta jkun qed isir kors ta' studji jew istruzzjoni *full-time* taħt kull skema li titħaddem mill-Gvern, sew jekk din tkun jew ma tkunx tinvolvi perijodi ta' xogħol u ta' studju; u, għal dan il- għan, "stipendju" ma tinkludix xi paga jew rimunerazzjoni oħra li tista' titħallas lill-persuna involuta matul xi fażi ta' studju li tista' tkun parti minn skema bħal dik; u

(ġ) l-ewwel Lm200 li jsiru bi qligħ minn persuna li tagħmel ħdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xogħol tal-ġanċ u rakkmu, ġewwa d-dar, u li l-manifattura ta' dak l-artiġġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku.

5. Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "mara tiegħu" għandha tinkludi dik il-mara li, fl-opinjoni tad-Direttur, qed tgħix mal-kap tal-familja daqslikieku kienet il-mara tiegħu miżżewġa, u fil-każ fejn il-mara tkun, fl-opinjoni tad-Direttur, il-kap tal-familja, raġel li fl-opinjoni tad-Direttur ikun joqgħod ma' dik il-kap ta' familja bħallikieku kien ir-raġel tagħha miżżewweġ matul xi perijodu li matulu l-Għajnuna għal Mard tkun qiegħda jew tista' titħallas lill- kap tal-familja skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

6. Meta kap ta' familja jkun qiegħed jirċievi Għajnuna għal Mard taħt dan l-Att, kull żieda mogħtija effett f'xi żmien wara s-6 ta' Jannar, 1989 li għaliha jista' jkun intitolat hu jew xi membru ieħor kif imsemmi qabel f'din it-Taqsima tal-familja tiegħu dwar xi pensjoni, benefiċċju, għajnuna jew *allowance* hekk kif imħallas lilu jew lil xi membru ieħor tal-familja tiegħu taħt dan l-Att matul l-istess perijodu li fih hu jkun qed jirċievi l-imsemmija Għajnuna għal Mard, ma għandhiex titqies fil-kalkolazzjoni tal-mezzi ta' dik il-familja għal finijiet biex jiġi stabbilit jekk għadx baqa' jedd jew le għal dik l-Għajnuna għal Mard.

## TAQSIMA III

### Għajnuna Medika bla Ħlas

1. Fil-kalkolu ta' mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 23, għandu jitqies –

(a) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, il-valur ta' kull proprjetà (minbarra d-dar tar-residenza) li tkun tal-membri kollha tal-familja li hija jew tista' tkun, investita jew użata bi profitt b'esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija jew oġġetti oħra personali:

Iżda, meta l-flus fil-bank u fl-idejn (inklużi assi likwidi, depożiti għal xi żmien, *bonds, stocks*, azzjonijiet u *securities* oħra) u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana (bl-esklużjoni tad-dar fejn wieħed joqgħod) li ma tkunx qed tintuża bi qligħ, ikunu flimkien jaqbżu –

(i) Lm4,000 fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'membru wieħed biss jew f'numru ta' membri li l-kap tagħhom ikun persuna mhux miżżewġa jew ġenitur singlu; jew

(ii) Lm7,000 fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'għall-anqas il-kap tal-familja u martu,

il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna Medika bla Ħlas ma għandhiex titqies li tkun intitolata għal dik l-għajnuna; u

(b) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 4 ta' din it-Taqsima, kull dħul jew privileġġ li huwa, jew jista' jiġi, riċevut jew ikun ta' tgawdija minn xi membru tal-familja:

Iżda kull proprjetà jew dħul li għandhom ikunu kalkolati għall-finijiet ta' din it-Taqsima skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu għandhom jinkludu kull proprjetà jew dħul li xi membru tal-familja kien direttament jew indirettament ċaħħad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd għal Għajnuna Medika bla Ħlas.

**2.** Meta r-riżorsi kapitali totali msemmija fil-paragrafu 1(a) ta' din it-Taqsima, ma jkunux jaqbżu l-limiti msemmija –

(a) l-ewwel Lm250 ta' dawn ir-riżorsi kapitali ma għandhomx jitqiesu; u

(b) il-valur ta' kull proprjetà immobbli urbana msemmija fil-proviso li tinsab ma' l-imsemmi sub-paragrafu (a) għandu jitqies li jkun qiegħed jipproduċi dħul fis-sena ekwivalenti għal 5.5% tal-valur kapitali tiegħu.

**3.** Meta xi membru tal-familja, minbarra l-kap tal-familja u r-mara tiegħu, ikollu fil-pussess tiegħu xi proprjetà bħal dik imsemmija fil-paragrafu 1(a) ta' din it-Taqsima –

(a) il-valur kollu ta' xi dar tar-residenza li jkollu fil-futur jew parti minnha li tkun proprjetà ta' dan il-membru bil-ħsieb li jkun ser jiżżewweġ, ma għandux jitqies;

(b) nofs il-valur ta' xi proprjetà oħra bħal din ma għandux jitqies ħlief jekk din il-proprjetà tkun trasferita jew mogħtija lilu

mill-kap tal-familja jew il-mara tiegħu fi żmien it-tnax-il xahar minnufih qabel ma ssir it-talba għall-Għajnuna Mediċa bla Ħlas.

**4.** Fil-kalkolu tad-dħul jew privileġġ li huwa, jew jista' jiġi, riċevut jew jitgawda minn xi membru tal-familja, ma għandhomx jitqiesu–

(a) l-ewwel Lm40 li joħorġu mill-użu tal-proprjetà;

(b) xi Għajnuna Soċjali, Għajnuna dwar il-Lebbra, Għajnuna dwar it-Tuberkolożi, Għotja għal Ħalib u Għajnuna għal Mard li jitħallsu taħt dan l-Att u xi pensjoni jew pensjonijiet (sew jekk imħallsin taħt dan l-Att sew jekk le) sa ammont massimu totali ekwivalenti għall-għadd kollu ta' l-ogħla rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali, inkluża l-*Allowance* Addizzjonali li titħallas skond l-istat ċivili ta' min ikun qed jagħmel it-talba kif imsemmi fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

(ċ) kull *Allowance* Supplimentari, *Allowance* tat-Tfal, *Allowance* għal Tifel b'Disabilità jew Benefiċċju tal-Maternità imħallas taħt dan l-Att; u

(d) 80.7% tad-dħul nett totali, jew ta' xi paga jew salarju jew ta' xi privileġġ, benefiċċju jew *allowance* jew ta' pensjoni żejda li tkun qiegħda jew tista' tiġi riċevuta jew imgawdija minn xi membru tal-familja, barra mill-kap tal-familja jew mill-mara tiegħu; u għal dan il-għan, id-dħul nett totali, paga, salarju jew pensjoni għandhom jitqiesu bħala d-dħul gross totali, paga, salarju jew pensjoni neqsin kull ħlas li l-persuna involuta tista' tagħmel ta'-

Kap.123.

(i) taxxa tad-dħul skond l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*;

(ii) spejjeż li jintefqu għall-ivjaġġar permezz tat-trasport pubbliku, jew b'kull forma oħra ta' trasport li tista' tkun provduta mill-prinċipal tal-persuna involuta, sal-post tax-xogħol u lura; u

(iii) dawk l-ispejjeż li jsiru mill-persuna involuta sabiex tiġġenera dak id-dħul,

u l-fraži "pensjoni żejda" tfisser kull pensjoni li tkun iktar mill-Pensjoni Minima Nazzjonali kif imsemmija fis-sub-paragrafu (b) ta' dan il-paragrafu;

(e) l-ammonti kollha msemmija fil-paragrafi 3(b) u (ċ) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda;

(f) kull *allowance* fil-ġimgħa li titħallas minn prinċipal skond l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1988 dwar *Allowance* fil-Ġimgħa; A.L. 112 ta' 1988.

(ġ) kull benefiċċju, dħul, privileġġ jew għotja dovuta lil membru ta' familja taħt u skond id-disposizzjonijiet ta' xi waħda mill-*Manpower Incentive Schemes* imħabbrin mill-Gvern, għall-ewwel tnax-il ġimgħa ta' jedd għalihom;

(ħ) kull stipendju riċevut minn membru tal-familja, barra mill-kap tal-familja jew ir-raġel jew il-mara ta' dak il-kap tal-familja fiż-żmien meta jkun qed isir kors ta' studji jew istruzzjoni *full-time* taħt xi skema li titħaddem mill-Gvern, sew jekk din tkun jew ma tkunx tinvolvi perijodi ta' xogħol u ta' studji distinti; u, għal dan l-għan, "stipendju" ma tinkludix xi paga jew remunerazzjoni oħra li tista' titħallas lill-persuna involuta matul xi fażi ta' studju li tista' tkun parti minn skema bħal dik;

(i) kontribuzzjonijiet li jsiru taħt dan l-Att; u

(j) l-ewwel Lm200 li jsiru bi qligħ minn persuna li tagħmel ħdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xogħol tal- ganċ u rakkmu, ġewwa d-dar, u li l-manifattura ta' dak l-artiġġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku.

**5.** Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "mara tiegħu" għandha tinkludi dik il-mara li, fl-opinjoni tad-Direttur, qed tgħix mal-kap tal-familja daqslikieku kienet il-mara tiegħu miżżewġa u fil-każ fejn il-mara tkun, fl-opinjoni tad-Direttur, il-kap tal-familja, raġel li fl-opinjoni tad-Direttur ikun joqgħod ma dik il-kap ta' familja bħallikieku kien ir-raġel tagħha miżżewweġ, matul kull perijodu li matulu l-Għajnuna Medika bla Ħlas tkun qiegħda jew tista' tingħata lill-kap tal-familja skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

## TAQSIMA IV

### Pensjoni ta' l-Età u Pensjoni għall-Wens

**1.** Sabiex jinħadmu x'inhuma il-mezzi għall-finijiet ta' l-artikoli 66 u 68 ta' dan l-Att, għandhom jitqiesu kull proprjetà (minbarra d-dar tar-residenza) dħul jew privileġġ skond kif imsemmi fil-paragrafu 1 tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda; u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, meta l-limiti indikati fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda jinqabżu, il-

persuna li tkun qed titlob li tingħata Pensjoni ta' l-Età jew Pensjoni għall-Wens, skond il-każ, għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik il-pensjoni:

Iżda fil-kalkolu tal-mezzi skond dan il-paragrafu, u unikament għall-fini ta' l-artikolu 66 ta' dan l-Att minflok il-limiti stipulati fil-proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda, għandhom minflok jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-mezzi Lm 6,000 fil-każ ta' persuna waħidha jew ta' armel jew armla jew Lm 10,000 fil-każ ta' raġel miżżewweġ.

**2.** Il-mezzi li jingabru, jew li jistgħu jingabru, minn xi proprjetà, dħul jew privileġġ skond ma jidher fit-Taqsima I ta' din l-Iskeda għandhom jinħadmu bil-mod indikat fil-paragrafi 2 u 3 (bl-esklużjoni tal-paragrafu 3(a) u (d) ta' l-imsemmija Taqsima I; iżda hekk illi, ma għandhomx jitqiesu –

(a) l-ewwel Lm165 ta' dawk il-mezzi, fil-każ ta' koppja miżżewġa; jew

(b) l-ewwel Lm115 ta' dawk il-mezzi, fil-każ ta' persuna mhux miżżewġa jew li tkun romlot; u

(ċ) kull Għajnuna Medika, kull *Allowance* Supplimentari, *Allowance* tat-Tfal, *Allowance* għal Tifel b'Disabilità jew Benefiċċju dwar il-Maternità li jitħallsu taħt dan l-Att;

(d) l-ewwel Lm200 li jsiru bi qligħ minn persuna li tagħmel ħdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xogħol tal- ganċ u rakkmu, ġewwa d-dar, u li l-manifattura ta' dak l-artiġġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku.

**3.** Kull proprjetà jew dħul li għandhom ikunu kalkolati għall-finijiet ta' din it-Taqsima skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima, għandhom jinkludu kull proprjetà jew dħul li l-persuna konċernata tkun direttament jew indirettament ċaħħdet lilha nnifisha minnhom sabiex ikollha jedd għal Pensjoni ta' l-Età, jew Pensjoni għall-Wens, skond il-każ, jew biex ikollha jedd għal rata aktar vantaġġuża; hekk iżda li, meta d-dħul li l-persuna involuta tkun direttament jew indirettament ċaħħdet lilha nnifisha minnu jkollu x'jaqsam ma' xi skema oħra ta' għajnuna finanzjarja jew sussidju għal pensjonanti li tkun imħaddma mill-Gvern ta' Malta jew f'ismu, id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu m'għandhomx japplikaw dwar dik l-għajnuna jew dak is-sussidju.

**4.** Sabiex jinħadmu l-mezzi ta' koppja miżżewġa għall-finijiet ta' l-għoti ta' Pensjoni ta' l-Età, għandha titqies xi tkun il- proprjetà (minbarra d-dar tar-residenza) tal-koppja jew id-dħul li jkun qiegħed jiġi, jew li jista' jiġi, riċevut minn kull wieħed jew waħda mill-koppja:

Iżda, meta ma jkunx hemm komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom jew għaliex din il-komunjoni ta' l-akkwisti kienet ġiet eskluża b'kuntratt jew għaliex tkun inħallet b'riżultat tas-separazzjoni legali tagħhom, għandha titqies biss dik il-proprjetà li tkun ta', jew dak id-dħul li jkun qiegħed jiġi jew li jista' jiġi, riċevut minn kull wieħed jew waħda mill-koppja, hekk iżda li fil- każ fejn il-koppja tkun separata *de facto*, jiġi kkunsidrat (a) il-proprjetà li tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, u (b) dak id- dħul biss li jiġi riċevut jew li jista' jiġi riċevut mingħand ir- rikorrent:

Iżda wkoll kull wieħed jew waħda mill-koppja li dwarhom tgħodd il-proviso ta' qabel din għandhom ikunu intitolati sabiex jirċievu ir-rata li tkun applikabbli lill-persuna waħidha jew lil armel jew armla skond it-Taqsima II tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att kif imnaqqsa bil-mezzi ta' kull ġimgħa li jkunu attribwibbli lill kull wieħed minnhom.

**5.** Meta raġel miżżewweġ li jkun separat minn ma' martu legalment jew *de facto* jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li jkun qiegħed iħallas xi somma lil martu bħala kundizzjoni integrali tas-separazzjoni tagħhom, dik is-somma għandha titnaqqas meta jiġu kalkolati il-mezzi tiegħu.

## TAQSIMA V

### Pensjoni għal Disabilità u Pensjoni għal Persuni b'Vista Batuta

**1.** Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 27 ta' dan l-Att, għandu jitqies –

(a) il-valur ta' kull proprjetà (minbarra d-dar ta' residenza) ta' dik il-persuna li tkun, jew tista' tkun, investita jew tintuża bi qligħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali; u

(b) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, kull dħul jew privileġġ li huwa riċevut jew jista' jiġi riċevut minn, jew ikun ta' tgawdija għal dik il-persuna, kalkolat fuq bażi ta' ġimgħa.

**2.** Il-mezzi li jistgħu jingabru minn xi proprjetà kif deskritt taħt il-paragrafu 1(a) taħt din it-Taqsima, li mhux qed tintuża bi qligħ għandhom jiġu kkalkolati kif ġej:

(a) l-ewwel Lm250 ta' proprjetà bħal dik ma għandux jingħata kas tagħhom; u

(b) il-valur ta' proprjetà bħal dik fl-eċċess ta' Lm250 għandu jitqies li qed jirrendi dħul fil-ġimgħa ekwivalenti għal 0.11% tal-valur kapitali tagħha.

**3.** Fil-kalkolu tad-dħul jew privileġġ kif deskritt taħt il- paragrafu 1(b) ta' din it-Taqsima, ma għandhomx jitqiesu –

(a) kull benefiċċju għal mard mogħti minn soċjetà filantropika jew *trade union*;

(b) kull somma mħallsa minn fond tal-karità; u

(ċ) kull Għajnuna Medika, *Allowance* tat-Tfal, *Allowance* għal Tifel b'Disabilità jew Benefiċċju għal Maternità li jitħallsu taħt dan l-Att; u

(d) l-ewwel Lm200 li jsiru bi qligħ minn persuna li tagħmel ħdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xogħol tal- ganċ u rakkmu, ġewwa d-dar, u li l-manifattura ta' dak l-artiġġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku.

**4.** Sabiex jinħadmu l-mezzi ta' koppja miżżewġa għall-finijiet ta' l-għoti ta' Pensjoni għal Disabilità jew Pensjoni għal Persuni b'Vista Batuta, għandha titqies xi tkun il-proprjetà (minbarra d-dar tar-residenza) tal-koppja jew id-dħul li jkun qiegħed jiġi, jew jista' jiġi, riċevut minn kull wieħed jew waħda mill-koppja:

Iżda, meta ma jkunx hemm komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom jew għaliex din il-komunjoni ta' l-akkwisti kienet ġiet eskluża b'kuntratt jew għaliex tkun inħallet b'riżultat tas-separazzjoni legali tagħhom, għandha titqies biss dik il-proprjetà li tkun ta', jew dak id-dħul li jkun qiegħed jiġi, jew li jista' jiġi, riċevut minn kull wieħed jew waħda mill-koppja, bekk iżda li fil- każ fejn il-koppja tkun separata *de facto*, jiġi kkunsidrat (a) il-proprjetà li tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, u (b) dak id-dħul biss li jiġi riċevut jew li jista' jiġi riċevut mingħand ir- rikorrent:

Iżda wkoll kull wieħed jew waħda mill-koppja li dwarhom tgħodd il-proviso ta' qabel din għandhom ikunu intitolati sabiex jirċievu

r-rata li tkun applikabbli lill-persuna waħidha jew lil armel jew armla skond it-Taqsima III tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att kif imnaqqsa bil-mezzi ta' kull ġimgħa li jkunu attribwibbli lil kull wieħed minnhom.

**5.** Meta raġel miżżewweġ li jkun separat minn ma' martu legalment jew *de facto* jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li jkun qiegħed iħallas xi somma lil martu bħala kundizzjoni integrali tas-separazzjoni tagħhom, dik is-somma għandha titnaqqas meta jiġu kalkolati l-mezzi tiegħu.

## TAQSIMA VI

### Għajnuna Soċjali

**1.** Meta jsir il-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att, għandhom jitqiesu kull proprjetà, dħul jew privileġġ skond kif ikun indikat fil-paragrafu 1 tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda; b'dan li m'għandhomx jitqiesu l-ewwel Lm200 li jsiru bi qligħ minn persuna li tagħmel ħdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xogħol tal-ganċ u rakkmu, ġewwa d-dar, u li l-manifattura ta' dak l-artiġġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku;

u meta jinqabeż il-limitu indikat fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda, il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna Soċjali għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik l-għajnuna.

**2.** Il-mezzi li jingħabru jew li jistgħu jingħabru minn kull proprjetà, dħul jew privileġġ kif imsemmijin fit-Taqsima II ta' din l-Iskeda għandhom jinħadmu bil-mod imsemmi fil-paragrafi minn 2 sa 5 ta' l-imsemmija Taqsima II; iżda ħekk illi, minkejja d- disposizzjonijiet tal-paragrafu 4(b) tagħha, għandha titqies kull Għajnuna Soċjali u/jew pensjoni, jekk ikun il-każ, li tkun ġa qiegħda titħallas taħt dan l-Att lill-istess kap ta' familja u lil martu, jekk ikun il-każ, fiż-żmien meta ssir it-talba għal dik l-għajnuna.

## TAQSIMA VII

### *Allowance* tat-Tfal u *Allowance* għal Tifel b'Disabilità

**1.** (a) Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 76 ta' dan l-Att, għandu jitqies id-dħul li ġej minn kull proprjetà, li tkun

investita jew tintuża bi qligħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali, u kull dħul jew privileġġ, li jiġi jew li jista' jiġi riċevut mill-kap tal-familja u mill-konjuġi tiegħu jew tagħha. U għal dan l-għan dak il-privileġġ għandu jkun jinkludi kull profitt miżmum li jkollha xi kumpannija jew impriża kummerċjali oħra li tagħha l-kap tal-familja u l-konjuġi tiegħu jew tagħha jkunu azzjonisti jew sidien, kemm-il darba d-Direttur ikun sodisfatt li dawk il-profitti miżmumin ma jistgħux raġonevolment isiru disponibbili jew jiġi gawduti mill-kap tal-familja u mill-konjuġi tiegħu jew tagħha.

(b) Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 77 ta' dan l-Att, għandu jitqies id-dħul li ġej minn kull proprjetà, li tkun investita jew tintuża bi qligħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali, u kull dħul jew privileġġ, li jiġi jew li jista' jiġi riċevut mill-kap tal-familja u mill-konjuġi tiegħu jew tagħha liema minnhom ikun l-akbar dħul. U għal dan l-għan dak il-privileġġ għandu jkun jinkludi kull profitt miżmum li jkollha xi kumpannija jew impriża kummerċjali oħra li tagħha l-kap tal-familja u l-konjuġi tiegħu jew tagħha jkunu azzjonisti jew sidien, kemm-il darba d-Direttur ikun sodisfatt li dawk il-profitti miżmumin ma jistgħux raġonevolment isiru disponibbili jew jiġu gawduti mill-kap tal-familja u mill-konjuġi tiegħu jew tagħha:

Iżda kull dħul bhal dak li għandu jitqies għall- għanijiet ta' din it-Taqsima skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu, għandu jkun jinkludi kull dħul jew privileġġ li l-kap tal-familja u, jew mill-konjuġi tiegħu jew tagħha, skond il-każ, u kif imsemmi qabel f'din it-Taqsima, kien jew kienu, direttament jew indirettament, ċaħħad lilu nnifsu jew ċaħħdu lilhom infushom sabiex ikun jew isir, jew ikunu jew isiru, hekk intitolati b'rata iktar vantaġġuża.

2. Fil-kalkolu tad-dħul jew privileġġ li jkun jew jista' jiġi riċevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja jew martu, ma għandhomx jitqiesu:

(a) l-*allowance* li tithallas taħt l-artikoli 69, 76 u 77 ta' dan l-Att,

(b) kull għajnuna mediċa li tithallas taħt l-artikoli 20, 21 u 22 ta' dan l-Att,

(ċ) kull għotja għal korriment jew kull pensjoni għal korriment li tithallas taħt l-artikolu 29 ta' dan l-Att.

(d) l-*allowance* li titħallas lil armla jew armel taħt u id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att,

(e) kontribuzzjonijiet li jitħallsu taħt dan l-Att mill-1 ta' Jannar, 1996;

(f) fil-każ ta' l-ewwel tifel, kull dħul jew privileġġ li jiġi riċevut jew li jitgawda qabel id-data taż-żwieġ jew id- data minn meta jibdew jgħixu flimkien, ħekk iżda li fil-każ ta' ġenituri mhux miżżewġa l-perijodu ta' l-istima għandu jibda mill-ewwel tax-xahar li jaħbat disa' xhur qabel it-twelid tat-tarbija.

**3.** Kap tal-familja li jirċievi għajnuna soċjali jew pensjoni ta' l-età taħt u skond dan l-Att, jitqies li ma għandux mezzi għall-finijiet tal-kalkolu tad-dħul skond din it-Taqsima.

**4.** (a) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, il-mezzi li jittieħdu għall-finijiet ta' l-istima tad-dħul għandhom ikunu dawk li jingabru fis-sena kalendarja qabel l-ewwel Sibt f'Lulju tas-sena li fiha issir it-talba; u

(b) Minkejja kull bidla fiċ-ċirkostanzi, dawk il-mezzi jiġu meqjusa li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-rati ta' skala applikabbli skond l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att, sa l-aħħar ġimgħa qabel l-ewwel Sibt f'Lulju tas- sena wara s-sena kalendarja li fiha dawk il-mezzi kienu ġew meqjusa għall-finijiet ta' stima:

Iżda, fil-każ tal-mewt tal-kap tal-familja jew ta' martu jew ta' żewġha, is-superstiti, jew dik il-persuna li ħekk titiqies taħt u skond l-artikolu 82(2) ta' dan l-Att, tkun intitolata li tagħżel, jekk ikun iktar ta' benefiċċju għalih jew għaliha għall-finijiet ta' din it-Taqsima, li l-*allowance* li jkun intitolat jew li tkun intitolata għaliha tiġi stmata mill-ġdid b'effett mill-ewwel Sibt wara l-mewt ta' żewġha jew ta' martu, u li f'din l-istima mill-ġdid jiġu kkunsidrati biss il-mezzi u d-dħul kurrenti. Ħekk iżda li din it-talba għal stima mill-ġdid tista' ssir biss fi żmien sitt xhur mid-data tal-mewt ta' żewġha jew ta' martu:

Iżda wkoll fil-każ ta' persuna li tkun tirċievi pensjoni (kemm jekk imħallsa taħt u skond dan l-Att jew le) u li ma kenitx taħdem bi qligħ, il-mezzi fis-sena li jitqiesu għall-finijiet ta' din it-Taqsima jkunu l-mezzi kurrenti fis-sena li jingabru mingħandu jew minn martu, jekk ikun hemm:

Iżda wkoll fil-każ ta' koppja miżżewġa, meta jew ir-raġel jew il-mara ma jibqgħux iktar jaħdmu bi qligħ, il-kap tal-familja jkun intitolat li jagħżel, jekk ikun aktar ta' benefiċċju għalih jew għaliha għall-finijiet ta' din it-Taqsima, li l-*allowance* li jkun intitolat jew li

tkun intitolata għaliha tiġi stmata mill-ġdid b'effett mill-ewwel Sibt wara li r-raġel jew il-mara jtemmu milli jibqgħu jaħdmu bi qligħ, u li f'din l-istima mill-ġdid jiġu kkunsidrati biss il-mezzi u d-dħul kurrenti ta' dik il-familja. Hekk iżda li din it-talba għal stima mill-ġdid tista' ssir biss fi żmien sitt xhur mid-data meta r-raġel jew il-mara jtemmu milli jibqgħu jaħdmu bi qligħ.

**5.** Għall-finijiet ta' din it-Taqsima "konjuġi" għandha tinkludi dik il-mara li, fl-opinjoni tad-Direttur, qed tgħix mall-kap tal-familja daqslikieku kienet il-mara tiegħu miżżewġa, u fil-każ fejn il-mara tkun, fl-opinjoni tad-Direttur, il-kap tal-familja, raġel li, fl-opinjoni tad-Direttur, ikun jogħqod ma' dik il-kap tal-familja bħallikieku kien ir-raġel tagħha miżżewweġ matul xi perijodu li matulu *allowance* taħt din it-Taqsima tkun qegħda, jew tista', titħallas lill-kap tal-familja taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

## TAQSIMA VIII

### *Allowance* Supplimentari

**1.** Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 73 ta' dan l-Att, għandu jitqies id-dħul li ġej minn kull proprjetà, li tkun investita jew tintuża bi qligħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali, u kull dħul jew privileġġ li jiġi riċevut jew gawdut mill-kap tal-familja u minn martu, jekk ikun il-każ.

**2.** Fil-kalkolu tad-dħul jew privileġġ li jkun jew jista' jiġi riċevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja jew martu, ma għandhomx jitqiesu –

(a) xi għajnuna medika li titħallas taħt l-artikoli 20, 21 u 22 ta' dan l-Att;

(b) xi għotja għal korriment jew kull pensjoni għal korriment li titħallas taħt l-artikolu 29 ta' dan l-Att;

(ċ) kontribuzzjonijiet imħallsa taħt dan l-Att;

(d) 80.7% tad-dħul nett totali jew ta' xi privileġġ, benefiċċju jew *allowance* jew ta' pensjoni żejda li tkun qegħda jew tista' tiġi gawduta minn xi membru tal-familja, barra mill-kap tal-familja jew martu, u għal dan il-għan mid-dħul nett totali, privileġġ, benefiċċju, *allowance* jew pensjoni żejda għandhom jitnaqqsu kull pagamenti tat-taxxa tad-dħul magħmulin mill-persuna involuta skond l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u l-kliem "pensjoni żejda" ifissru kull pensjoni iktar mill-pensjoni minima nazzjonali, inkluża

l-*allowance* addizzjonali, skond jekk ir-rikorrent hux miżżewweġ jew le, kif imfisser fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

**3.** Kap tal-familja li jirċievi għajnuna soċjali jew pensjoni ta' l-età taħt u skond dan l-Att, jitqies li ma għandux mezzi għall-finijiet tal-kalkolu tad-dħul skond din it-Taqsima.

**4.** Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, fil-każ ta' kap tal-familja li jkun jirċievi pensjoni (kemm jekk imħallsa taħt u skond dan l-Att jew le), xi dħul, jew xi privileġġ, benefiċċju jew *allowance* riċevuti minn xi membru, li ma jkunx la l-kap tal-familja u lanqas martu, ma jitqiesux.

**5.** (a) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, il-mezzi li jittieħdu għall-finijiet ta' l-istima tad-dħul għandhom ikunu dawk li jinġabru fis-sena kalendarja qabel l-ewwel Sibt f'Lulju tas-sena li fiha issir it-talba; u

(b) Minkejja kull bidla fiċ-ċirkostanzi, dawk il-mezzi jiġu meqjusa li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-rati ta' skala applikabbli skond l-Erbatax-il Skeda ta' dan l-Att, sa l-aħħar ġimgħa qabel l-ewwel Sibt f'Lulju tas- sena wara is-sena kalendarja li fiha dawk il-mezzi kienu ġew meqjusa għall-finijiet ta' stima:

Iżda, fil-każ tal-mewt tal-kap tal-familja jew ta' martu jew ta' żewġha, is-superstiti, jew dik il-persuna li hekk titiqies taħt u skond l-artikolu 82(2), tkun intitolata li tagħżel, jekk ikun iktar ta' benefiċċju għalih jew għaliha għall-finijiet ta' din it-Taqsima, li l-*allowance* li jkun intitolat jew li tkun intitolata għaliha tiġi stmata mill-ġdid b'effett mill-ewwel Sibt wara l-mewt ta' żewġha jew ta' martu, u li f'din l-istima mill-ġdid jiġu kkunsidrati biss il-mezzi u d-dħul kurrenti. Hekk iżda li din it-talba għal stima mill-ġdid tista' ssir biss fi żmien sitt xhur mid-data tal-mewt ta' żewġha jew ta' martu:

Iżda wkoll fil-każ ta' persuna li tkun tirċievi pensjoni (kemm jekk imħallsa taħt dan l-Att jew le) u li ma kenitx taħdem bi qligħ, il-mezzi fis-sena li jitqiesu għall-finijiet ta' din it- Taqsima jkunu l-mezzi kurrenti fis-sena li jinġabru mingħandu jew minn martu, jekk ikun hemm.

IT-TIELET SKEDA

Artikoli 18, 28, 29, 30

## TAQSIMA I

*Rati ta' Benefiċċji għal Mard, għal Disimpieg, għal Disimpieg Speċjali, u għal Korriment, Għotja għal Korriment u Pensjoni għal Korriment*

| | **Rata ta' kuljum ta' Benefiċċju** | |
|---|---|---|
| Xorta ta' Benefiċċju | Ġenitur singlu jew persuna miżżewġa li qed tmantni lill-parti l-oħra fiż-żwieġ li ma tkunx impjegata *full-time* | Kull persuna oħra |
| | Lm c | Lm c |
| Benefiċċju għal Mard | 6.02 | 3,89 |
| Benefiċċju għal Korriment | 9.05 | 6.81 |
| Benefiċċju għal Disimpieg | 3.66 | 2.38 |
| Benefiċċju Speċjali għal Disimpieg | 6.14 | 4.00 |

## TAQSIMA II

*Ammonti ta' Għotja għal Korriment*

| Grad ta' Diżabilità | Ammont ta' Għotja |
|---|---|
| % | Lm c |
| 1 | 73.96 |
| 2 | 147.91 |
| 3 | 221.87 |
| 4 | 295.83 |
| 5 | 369.78 |
| 6 | 443.74 |
| 7 | 517.69 |
| 8 | 591.65 |
| 9 | 665.61 |
| 10 | 739.56 |
| 11 | 813.52 |
| 12 | 887.48 |
| 13 | 961.43 |
| 14 | 1035.39 |
| 15 | 1109.35 |
| 16 | 1183.29 |
| 17 | 1257.25 |
| 18 | 1331.20 |
| 19 | 1405.16 |

## TAQSIMA III

*L-Ogħla Rata ta' Pensjoni għal Korriment*

| Rata fil-Ġimgħa |
|---|
| Lm c |
| 21.31 |

## TAQSIMA IV

*Allowance ta' Ltim*

| Rata fil-Ġimgħa |
|---|
| Lm c |
| 13.24 |

## TAQSIMA V

*Allowance ta' Ltim Supplimentari*

| Rata fil-Ġimgħa |
|---|
| Lm c |
| 29.32 |

IS-SITT SKEDA

Artikoli 27, 30, 66 u 68

## TAQSIMA I

*Rati ta' Skala ta' Għajnuna Soċjali fil-ġimgħa, inklużi kull miżuri kollha taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att*

| *Familja b'membru eliġibbli WIEĦED biss* |
|---|
| Lm c |
| 29.80 |

Meta n-numru ta' membri eliġibbli fil-familja jkun iżjed min-numru muri fil-kolonna ta' hawn fuq, ir-rata fil-ġimgħa indikata għandha tiżdied bi Lm3.50 fil-ġimgħa dwar kull membru eliġibbli ieħor f'dik il-familja.

## TAQSIMA II

*L-Ogħla Rata ta' Pensjoni ta' l-Età fil-ġimgħa inkluża kull żieda taħt u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att*

| Kategorija ta' Pensjonant | L-Ogħla Rata ta' Pensjoni ta' l-Età fil-ġimgħa |
|---|---|
| | Lm c |
| 1. Raġel miżżewweġ li martu:- | |
| (i) ukoll tikkwalifika għal pensjoni fil-jedd tagħha stess taħt l-artikoli 27 jew 66 ta' dan l-Att | 41.10 |
| (ii) ma tikkwalifikax għal pensjoni fil-jedd tagħha stess taħt l-artikoli 27 jew 66 ta' dan l-Att | 23.88 |
| 2. Mara miżżewġa li r-raġel tagħha ma jkunx jikkwalifika għal pensjoni fil-jedd tiegħu stess taħt l-artikoli 27 jew 66 ta' dan l-Att | 23.88 |
| 3. Persuni romol jew waħedhom | 31.44 |

## TAQSIMA III

*L-Ogħla Rata ta' Pensjoni għal Diżabilità u ta' Pensjoni għal Persuni b'Vista Batuta fil-ġimgħa, inkluża kull żieda taħt u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att*

| Kategorija tal-Pensjonant | L-Ogħla Rata ta' Pensjoni għal Diżabilità jew Pensjoni għal Persuni b'Vista Batuta fil-ġimgħa |
|---|---|
| | Lm c |
| 1. Raġel miżżewweġ li martu:- | |
| (i) ukoll tikkwalifika għal pensjoni fil-jedd tagħha stess taħt l-artikoli 27 jew 66 ta' dan l-Att | 38.46 |
| (ii) ma tikkwalifikax għal pensjoni fil-jedd tagħha stess taħt l-artikoli 27 jew 66 ta' dan l-Att | 23.88 |
| 2. Mara miżżewġa li r-raġel tagħha ma jkunx jikkwalifika għal pensjoni fil-jedd tiegħu stess taħt l-artikoli 27 jew 66 ta' dan l-Att | 23.88 |
| 3. Persuni romol jew waħedhom | 29.32 |

## TAQSIMA IV

*L-Ogħla Rata ta' Pensjoni għall-Wens fil-ġimgħa inkluża kull żieda taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att*

| L-Ogħla Rata ta' Pensjoni għall-Wens fil-ġimgħa |
|---|
| Lm c |
| 31.44 |

## TAQSIMA V

*Kera tad-Dar*

Ir-rati li jinsabu fit-Taqsimiet I, II, III u IV ta' din l-Iskeda għandhom jiżdiedu b'50ċ fil-ġimgħa jekk il-familja tkun qed tħallas kera għall-fond normali tagħha fejn tkun qed toqgħod:

Iżda, meta iktar minn familja waħda tkun qed tgħix fl-istess fond, l-*allowance* tal-kera għandha titħallas darba waħda biss u għandha titħallas lill-kap tal-familja li jkun responsabbli għall-ħlas ta' din il-kera lil terzi persuni.

Iċ-ċens li jithallas minn familja dwar fond miżmum b'ċens għal perjodu ta' mhux aktar minn ħamsa u għoxrin sena għandu jitqies bħala kera tad-dar għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jekk dan il-fond ikun qed jintuża esklużivament mill-familja u biss bħala residenza tagħha.

## TAQSIMA VI

*Rata fil-ġimgħa ta' Allowance minflok Pensjoni ta' l-Età, Pensjoni għal Diżabilità u Pensjoni għal Persuni b'Vista Batuta*

| Lm c |
|---|
| 5.02 |

IT-TMIEN SKEDA

Artikolu 23

**TAQSIMA I**

*Rata ta' Skala tal-mezzi li jirregolaw l-Għajnuna Medika bla Ħlas meta l-kap tal-familja jkollu impieg assigurabbli jew ikun persuna li taħdem għaliha nnifisha*

| **Numru ta' Persuni fil-familja** | **Rata ta' Skala** |
|---|---|
| Persuna waħda biss | Lm 43.38 |

Meta n-numru ta' membri tal-familja jkun iżjed minn 1, ir-rata fil-ġimgħa murija hawn fuq tiżdied bi Lm3.50 fil-ġimgħa dwar kull membru ieħor f'dik il-familja.

**TAQSIMA II**

*Rata ta' Skala ta' mezzi li jirregola Għajnuna Medika meta l-kap tal-familja ma jkollux impieg assigurabbli u lanqas ma jkun persuna li taħdem għaliha nnifisha*

| **Numru ta' Persuni fil-familja** | **Rata ta' Skala** |
|---|---|
| Persuna waħda biss | Lm 11.75 |

Meta n-numru ta' membri tal-familja jkun iżjed minn 1, ir-rata fil-ġimgħa murija hawn fuq tiżdied bi Lm3.50 fil-ġimgħa dwar kull membru ieħor f'dik il-familja.

ID-DISA' SKEDA

Artikolu 25

*Ammonti ta' Għajnuna għal Mard, Għotja għal Ħalib, Għajnuna dwar il-Lebbra u Għajnuna dwar it-Tuberkolożi*

| **Xorta ta' Għajnuna** | **Rata fil-ġimgħa** |
|---|---|
| | Lm c |
| 1. Għajnuna Medika:- | |
| (i) dwar l-ewwel membru tal-familja | 6.70 |
| (ii) dwar kull membru ieħor ta' l-istess familja | 4.50 |
| 2. Għotja għall-ħalib | 4.90 |
| 3. Għajnuna dwar il-Lebbra:- | |
| (i) dwar il-kap tal-familja li jkun lebbruż | 11.05 |
| (ii) dwar kull membru ieħor ta' l-istess familja li jkun lebbruż u li ma jkunx jaħdem bi qliegħ:— | |
| (a) jekk taħt 16-il sena | 4.90 |
| (b) jekk ikollu 16-il sena jew aktar | 11.05 |
| (iii) dwar kull membru ieħor ta' l-istess familja li ma jkunx jaħdem bi qliegħ | 4.90 |
| 4. Għajnuna dwar it-Tuberkolożi:- | |
| (i) l-ammont bażiku ta' għajnuna dwar it-Tuberkolożi li jitħallas dwar familja li membru tagħha huwa milqut bit-tuberkolożi | 7.90 |
| (ii) *allowance* li titħallas dwar kull membru ieħor tal-familja li jkun milqut bit-tuberkolożi jew partikolarment suġġett għat-tuberkolożi | 3.50 |

# L-GĦAXAR SKEDA

## Artikoli 7 u 10

## RATI TA' KONTRIBUZZJONIJIET

### Taqsima I

*Kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi*
*(Persuni Impjegati)*

| **Kategorija** | **Xorta ta' Persuna Impjegata** | **Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-Persuna Impjegata** | **Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-Prinċipal Tagħha** |
|---|---|---|---|
| A | Persuni taħt it-18-il sena (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kategorija 'E' f'din it-taqsima) li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar ma jkunx jeċċedi Lm51.38 | Lm2.84 | Lm2.84 |
| B | Persuni li għalqu t-18-il sena (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kategorija 'F' f'din it-taqsima) li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgha tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar ma jkunx jeċċedi Lm51.38. | Lm5.14 | Lm5.14 |
| Ċ | Persuni (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kategorija 'E' u 'F' ta' din it-taqsima) li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar jeċċedi Lm51.38 imma ma jeċċedix Lm127.27. | 10%, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu, tal-paga bażika fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar. | 10%, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu, tal-paga bażika fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| D | Persuni (li ma humiex dawk li jaqgħu taħt il-kategorija 'E' u 'F' ta' din it-taqsima) li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar jeċċedi Lm127.27. | Lm12.73 | Lm12.73 |
| E | Persuni taħt it-18 il-sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta' studju full-time jew tagħlim taħt l-Iskema Student-Haddiem jew skemi oħrajn simili (inklużi l-Extended Skills Training Schemes, iżda esklużi l-Iskemi ta' Haddiem-Student) li jkunu jinvolvu perjodi distinti ta' xogħol u studju li għalihom ikun qegħdin jirċievu rimunerazzjoni. | 10%, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' Lm1.88. | 10%, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' Lm1.88. |
| F | Persuni li għalqu t-18 il-sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta' studju full-time jew tagħlim taħt l-Iskema Student-Haddiem jew skemi oħrajn simili (inklużi l-Extended Skills Training Schemes, iżda esklużi l-Iskemi ta' Haddiem-Student) li jkunu jinvolvu perjodi ta' xogħol u studju li għalihom ikunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni. | 10%, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew ta' l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar- rimunerazzjoni bażika fix-xahar sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' Lm3.41. | 10%, maħduma sa l-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' Lm3.41. |

## Taqsima II

### Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi
*(Persuni li jimpjegaw lilhom infushom)*

| **Kategorija** | **Xorta ta' Persuna li timpjega lilha nnifisha** | **Rata ta' Kontribuzzjoni fil-ġimgħa li titħallas minn persuna li timpjega lilha nnifisha** |
|---|---|---|
| | Persuni li d-dħul nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju tal-Maternità, *Allowance* tat-Tfal u kull Benefiċċju *ex gratia* imħallas taħt l-artikolu 88 ta' dan l-Att) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni:- | |
| SP | jaqbeż l-Lm430 iżda ma jaqbiżx Lm2594 (din il-kategorija applikabbli BISS għal persuni waħedhom li ma jaħdmux għalihom infushom). | Lm7.48 |
| SA | ikun anqas minn Lm3197 ..... | Lm9.22 |
| SB | jaqbeż Lm3197 iżda ma jaqbiżx Lm6618. | L-ekwivalenti fil-ġimgħa ta' 15% tad-dħul tagħhom fis-sena kalkulat sa l-eqreb ċenteżmu |
| SC | jaqbeż Lm6618. | Lm19.09 |

## Taqsima III

### Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi
*(Persuni li jaħdmu għalihom infushom)*

| **Kategorija** | **Xorta ta' Persuna li taħdem għaliha nnifisha** | **Rata ta' Kontribuzzjoni fil-ġimgħa li titħallas minn persuna li taħdem għaliha nnifisha** |
|---|---|---|
| | Persuni li l-qliegħ nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju tal-Maternità, *Allowance* tat-Tfal u kull Benefiċċju Ex-gratia imħallas taħt l-artikolu 88 ta' dan l-Att) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni:- | |
| SA | ikun anqas minn Lm3197 ..... | Lm9.22 |
| SB | jaqbeż Lm3197 iżda ma jaqbiżx Lm6618. | L-ekwivalenti fil-ġimgħa ta' 15% tal-qliegħ tagħhom fis-sena kalkulat sa l-eqreb ċenteżmu |
| SC | jaqbeż Lm6618. | Lm19.09 |

IT-TNAX-IL SKEDA

Artikoli 26, 31, 44, 50, 54, 63, 64, 67

*Rati ta' diversi pensjonijiet*

A. Rati Sħaħ ta' Pensjoni għal min Jirtira fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet mħallsa jew akkreditati tkun ta' 50 jew aktar.

| **Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu Pensjoni tas-Servizz li tiħallas minn jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit** | | **Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu Pensjoni tas-Servizz li ma tiħallasx minn jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit** | |
|---|---|---|---|
| Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu | Kull persuna oħra | Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu | Kull persuna oħra |
| Lm c | Lm c | Lm | Lm c |
| 34.52 | 25.83 | 32.06 | 24.71 |

B. Rati Sħaħ ta' Pensjoni Miżjuda għal Min Jirtira, Pensjoni għal Invalidità, Pensjoni Miżjuda għal Invalidità, Pensjoni Minima Nazzjonali u Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun ta' 50 jew aktar.

| **Xorta ta' Pensjoni** | **Raġel miżżewweġ li jkun qiegħed imantni lil martu** | **Kull persuna oħra** |
|---|---|---|
| | Lm c | Lm c |
| Pensjoni Miżjuda għal Min Jirtira | 49.35 | 38.86 |
| Pensjoni għal Invalidità | 26.81 | 21.16 |
| Pensjoni Miżjuda għal Invalidità | 41.52 | 31.52 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali* | 41.90 | 34.26 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda | 49.35 | 38.86 |

***N.B.** Ir-rati sħaħ ta' Pensjoni Minima Nazzjonali huma kkalkolati bir-rata ta' erbgħa minn ħamsa (sa l-eqreb ċenteżmu sħiħ) tal-Paga Minima Nazzjonali fil-każ ta' raġel miżżewweġ li jkun qed imantni lil martu u bir-rata ta' żewġ terzi (sa l-eqreb ċenteżmu sħiħ) tal-Paga Minima Nazzjonali fil-każ ta' kull persuna oħra, skond kif provdut fl-artikolu 50 ta' dan l-Att.

C. Rata Sħiħa ta' Pensjoni tar-Romol fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun 50 jew aktar.

| Lm c |
|---|
| 37.34 |

D. Rati Mnaqqsa ta' Pensjoni għal Min Jirtira, Pensjoni Miżjuda għal Min Jirtira, Pensjoni għal Invalidità, Pensjoni Miżjuda għal Invalidità, Pensjoni Minima Nazzjonali u Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda fil-ġimgha, inkluża kull żieda taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, fejn il-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun bejn 20 u 49.

| **Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati** | **Rata ta' Pensjoni li titħallas fil-ġimgħa (kalkolata sa l-eqreb ċenteżmu)** |
|---|---|
| 40 - 49 | [{FAP - INC} x 0.89] + INC |
| 30 - 39 | [{FAP - INC} x 0.69] + INC |
| 20 - 29 | [{FAP - INC} x 0.49] + INC |

Għall-finijiet tat-tabella minnufih hawn fuq, "FAP" tfisser ir-rata sħiħa tar-rata ta' pensjoni fil-ġimgħa li tkun tapplika skond it-tabelli A jew B, skond il-każ, ta' din l-Iskeda, u "INC" tfisser kull żieda mogħtija skond l-artikolu 90A ta' dan l-Att b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1994 u s-snin li jiġu wara.

E. Rati ta' *Allowance* Addizzjonali għall-Pensjoni Minima Nazzjonali fil-ġimgħa.

| **Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati** | **Raġel miżżewweġ li jkun qed imantni lil martu** | **Kull persuna oħra** |
|---|---|---|
| | Lm c | Lm c |
| 50 (rata sħiħa) | 2.05 | 3.08 |
| 40 - 49 | 1.83 | 3.58 |
| 30 - 39 | 1.42 | 4.50 |
| 20 - 29 | 2.42 | 5.40 |

F. Rata shiha ta' Pensjoni tar-Romol fil-ġimgha, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun bejn 20 u 49.

| **Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati** | **Rata ta' Pensjoni li titħallas fil-ġimgħa (kalkolata sa l-eqreb ċenteżmu)** |
|---|---|
| 40 - 49 | [{FWP - (INC + 7.63)} x 0.89] + INC + 7.63 |
| 30 - 39 | [{FWP - (INC + 7.63)} x 0.69] + INC + 7.63 |
| 20 - 29 | [{FWP - (INC + 7.63)} x 0.49] + INC + 7.63 |

Għall-finijiet tat-tabella minnufih hawn fuq, "FWP" tfisser ir-rata shiha tar-rata ta' Pensjoni tar-Romol skond it-tabella ta' din l-Iskeda u "INC" tfisser kull żieda mogħtija skond l-artikolu 90A ta' dan l-Att b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1994 u s-snin li jiġu wara; filwaqt li l-ammont ta' Lm7.63 jirrappreżenta r-rata fil-ġimgha ta' Pensjoni Supplimentari tar-Romol li sas-sena 1990 kienet tithallas lir-romol li kienu qegħdin jirċievu Pensjoni tar-Romol irrispettivament mill-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati, liema ammont fil-ġimgha kien, b'seħħ mis-sena 1991, inkorporat mar-rati li jitħallsu bħala Pensjoni tar-Romol.

G. Rata ta' Pensjoni ta' Ġenitur fil-ġimgha, inkluża kull żieda taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 90A ta' dan l-Att.

| **Raġel miżżewweġ li jkun qed imantni lil martu** | **Kull persuna oħra** |
|---|---|
| Lm c | Lm c |
| 41.11 | 34.26 |

H. *Allowance* Addizzjonali fir-Rata ta' Pensjoni tar-Romol u tas-Superstiti fil-ġimgha.

| **Fejn Armla jew Superstiti ikunu intitolati għal *allowance* taħt l-artikolu 31 (a)** | **Fejn Armla jew Superstiti ikunu intitolati għal *allowance* taħt l-artikolu 31 (b)** |
|---|---|
| Lm c | Lm c |
| 1.95 | 4.00 |

I. L-Għla rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni ta' Żewġ Terzi.

| Lm c |
|---|
| 84.86 |

L-ERBATAX-IL SKEDA

Artikoli 30, 70, 72, 73, 76, 76A, 77

*Rati ta' diversi Allowances, Benefiċċju tal-Maternità u Għotja taż-Żwieġ*

A. **TAQSIMA I**

*Rata fil-ġimgħa ta' Allowance li titħallas lil residenti ta' komunità terapewtika skond l-artikolu 30 (9).*

| Lm c |
|---|
| 10.00 |

B. **TAQSIMA II**

*Rata fil-ġimgħa ta' Allowance li titħallas lil residenti ta' Istitut ta' l-Istat skond l-artikolu 30 (10).*

| Lm c |
|---|
| 4.72 |

C. **TAQSIMA III**

*Somma f'daqqa għal darba li titħallas bħala Għotja taż-Żwieġ skond l-artikolu 70.*

| Lm c |
|---|
| 84.00 |

D. **TAQSIMA IV**

*Rata fil-ġimgħa ta' Benefiċċju tal-Maternità li titħallas skond l-artikolu 72 (1).*

| Lm |
|---|
| 17.50 |

E. **TAQSIMA V**

*Allowance Supplimentari.*

| **STAT** | **L-ogħla dħul fis-sena stmat għall-finijiet tat-titolu (ħekk iżda li kull dħul taħt Lm2,270 jitqies bħala ekwivalenti għal Lm2,270** | ***Allowance* li titħallas** | **L-ogħla ammont ta' *allowance* li titħallas fis-sena** |
|---|---|---|---|
| Raġel miżżewweġ li jkun qed imantni lil martu li ma jkunx intitolat għal *allowance* taħt l-artikolu 76 jew ġenitur mhux miżżewweġ li ma jkunx intitolat għal *allowance* taħt l-artikolu 76. | Lm3770 | Lm120 | Ekwivalenti għal 1.5% tad-differenza bejn Lm10,270 u d-dħul annwali stmat |
| Persuna mhux miżżewga | Lm3270 | Lm60 | Ekwivalenti għal 1% tad-differenza bejn Lm8,270 u d-dħul annwali stmat |

Ma jinkiseb ebda titolu għal *Allowance* taħt din it-Taqsima meta d-dħul stmat fis-sena jeċċedi l-ogħla ammonti kif fuq imfissra, skond il-każ.

F. **TAQSIMA VI**

*Allowance tat-Tfal*

| **L-ogħla dħul fis-sena stmat għall-finijiet tat-titolu – Lm10,270. (Hekk iżda li kull dħul taħt Lm2,770 jitqies bħala ekwivalenti għal Lm2,770)** | |
|---|---|
| Numru ta' tfal taħt 16-il sena fil-familja | Rata ta' perċentwali li tiħallas, bħala *Allowance*, fuq id-differenza bejn id-dħul fis-sena stmat u Lm10,270 |
| 1 | 6% |
| 2 | 9% |
| 3 | 11.5% |
| 4 | 13% |
| il-ħames tifel u kull tifel sussegwenti | 1.5% għal kull tifel |
| Aktar minn 16-il sena iżda taħt il-21 sena li jattendi kors ta' studju jew tagħlim *full-time* f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta mill-Gvern skond l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) u li ma jkunx qiegħed jirċievi xi forma ta' rimunerazzjoni jew *allowance* jew ikun reġistrat bħala persuna mingħajr xogħol taħt it-Taqsima I tar-reġistru u qatt ma jkun ħadem bi qliegħ. | 1.5% għal kull tifel |
| Aktar minn 16-il sena iżda taħt il-21 sena li hu reġistrat bħala persuna mingħajr xogħol taħt it-Taqsima I tar-reġistru tax-xogħol miżmum skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) u qatt ma jkun ħadem bi qliegħ, u li ma jirċevix xi benefiċċju, pensjoni jew għajnuna li tiħallas taħt dan l-Att. | 1.5% għal kull tifel |

*Allowance* li tiħallas lil familja taħt din it-taqsima m'għandu f'ebda każ ikun inqas minn Lm52 fis-sena. Ma jinkiseb ebda titolu għal *Allowance* taħt din it-Taqsima

meta id-dħul stmat fis-sena jeċċedi l-oghla dħul fis-sena kif fuq imfisser. B'dan illi, meta familja tintgħamel minn erba' ulied jew iktar, dik il-familja jibqa' jkollha l-jedd għall-*Allowance*, minkejja li d-dħul ta' dik il-familja jkun jeċċedi l-oghla dħul fis-sena stmat indikat, kemm-il darba dak id-dhul stmat ma jkunx jeċċedi Lm13,270.

## TAQSIMA VII

*Allowance għal Tifel b'Disabilità.*

| **L-oghla dħul fis-sena stmat għall-finijiet tat-titolu - Lm 13,270** | |
|---|---|
| | Rata ta' *Allowance* għal Tifel b'Disabilità fil-ġimgħa |
| Fejn id-dhul fis-sena stmat ma jaqbiżx Lm9,270 | Lm c |
| | 5.00 |

Meta id-dħul fis-sena stmat jaqbeż Lm9,270 iżda ma jaqbiżx Lm13,270 ir-rata fil-ġimgħa ta' Lm5, bħala *allowance*, għandha tiġi mnaqqsa b'6.5% tad-differenza bejn id-dħul stmat u Lm13,270.

*Allowance* li titħallas lil familja taħt din it-taqsima m'għandu f'ebda każ ikun inqas minn Lm52 fis-sena. Ma jinkiseb ebda titolu għal *Allowance* taħt din it-Taqsima meta id-dħul stmat fis-sena jeċċedi l-oghla dħul fis-sena kif fuq imfisser.

## TAQSIMA VIII

*Rata fil-ġimgħa għal kull tifel, ta' Allowance għal Min Jieħu Ħsieb, li titħallas skond l-Artikolu 76A.*

| Lm c |
|---|
| 12.00 |

*Allowance* li tithallas taht din it-taqsima ghandha tibqa' tithallas meta t-tifel jagħlaq 16-il sena imma jkun għadu ma għalaqx 18-il sena u jkun għadu mhuwiex jaħdem għalih innifsu.".